# Avvenimenti u Ċelebrazzjonijiet Speċjali f'ġieħ San Ġużepp li saru mill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp matul is-Seklu 20 - l-Ewwel Parti -

*Tagħrif miġbur minn ANTHONY CASHA meħud mill-Arkivju ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp*

HUWA xieraq li fil-bidu ta'dan is-seklu ġdid nagħtu ħarsa lejn dawk l-avvenimenti u ċ-ċelebrazjonijiet speċjali li saru mill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina, matul is-seklu li għadu kemm spiċċa, is-seklu 20. Avvenimenti u Ċelebrazzjonijiet li saru f'ġieħ il-Patrun tagħha San Ġużepp, li l-imsemmija Arċikonfraternita dejjem ħadet ħsieb li torganizza, tfakkar u tiċċelebra kif jixraq minn żmien għal ieħor matul l-istess seklu.

Fil-fatt matul is-seklu li għadda, insibu tmien avvenimenti speċjali w importanti li saru f'ġieħ San Ġużepp, li l-imsemmija Arċikonfrternita organizzat u ċċelebrat b'mod speċjali, xi wħud minnhom fuq skala nazzjonali, li baqgħu mniżżla b'ittri tad-deheb fl-istorja reliġjuża tagħha u li aħna hawnhekk se nsemmu u nfakkru.

**1920 - Festi Ċinkwentenarji tal-Patroċinju ta' San Ġużepp**

Biex jitfakkar dan l-anniversarju minn meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX, fit-8 ta' Diċembru 1870, ipproklama lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali, kienu saru festi kbar ħafna mill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp. Għal dan il-għan kienu nħatru żewġ kumitati, wieħed biex jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet li kellhom isiru fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù u l-ieħor biex jieħu ħsieb it-tiżjin u ċ-ċelebrazjonijiet li kellhom isiru fit-toroq tar-Rabat.

Dawn il-festi speċjali kellhom isiru f'sebat ijiem, bejn il-Ħadd 14 u l-Ħamis 20 ta' Marzu 1920. Bħala tħejjija għal dawn il-festi, il-poplu tar-Rabat u dak ta' l-Imdina ġie mistieden u mħeġġeġ jattendi numeruż għat-tlett ijiem tat-tridu bħala eżerċizzi spiritwali, li saru apposta qabel dawn il-jiem tal-festi. Dawn l-Eżerċizzi Spiritwali, kif ġew imsejħa, saru mill-Ministru Rev. Patri Giov. Andrea Azzopardi O.F.M., li kien Missjunarju Appostoliku u Fratell attiv ħafna fi ħdan l-imsemmija Arċikonfraternita ta' San Ġużepp.

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XV, f'din l-okkażjoni speċjali kien bagħat ittra lill-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Don Mauro Caruana O.S.B., Isqof t' Malta, bid-data ta' l-10 ta' Marzu 1920, fejn ta' l-awguri tiegħu għal dawn il-festi kbar fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju. Kien ta ukoll Indulġenzi għal min jattendi u jieħu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi ta' dawn il-festi li kellhom isiru fir-Rabat mill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp.

Ta' min jinnota li f'dawn il-festi speċjali, il-mużika fil-knisja kienet diretta minn diversi surmastrijiet li kienu jmexxu l-Kappella Mużikali tagħhom f'din l-istess knisja.

Dawn kienu Mro. Lorenzo Gatt, Mro. Giuseppe Caruana, Mro, Luigi Bartoli u Mro. Carlo Diacono.

F'jum il-festa ta' San Ġużepp, fid-19 ta' Marzu, filgħodu, l-Isqof ta' Malta Mons. Dom. Mauro Caruana ġie akkumpanjat proċessjonalment mill-Katidral ta' l-Imdina għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù mill-Wisq Rev. Kapitlu tal-Katidral, mill-Komunità tal-Patrijiet Fraġiskani u mill-Fratelli ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, fejn wara qaddes Quddiesa Pontifikali li għaliha assista l-Eċċ. Tiegħu Lord Paul Sandford Plumer, Gvernatur ta' Malta. Il-Paniġierku kien sar mis-Saċerdot Dun Ġużepp Busietta, li kien il-Quaresimalista tal-Katidral ta' dik is-sena.

Fil-għaxija, wara s-Secondi Vespri, saret bħal kull sena l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp mat-toroq prinċipali tar-Rabat. Kienu ħadu sehem fiha l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp flimkien ma' Fratellanzi oħra li huma ddedikati lil San Ġużepp, li jinsabu mwaqqfa f'diversi knejjes parrokkjali fosthom tal-Mosta, tan-Naxxar, taż-Żurrieq, tas-Siġġiewi, ta' Ħal-Kirkop u tal-Kalkara. Wara dawn il-Fratellanzi ġiet immexxija l-istatwa ta' San Ġużepp u wara il-Komunitajiet Reliġjużi tar-Rabat u ta' l-Imdina, flimkien mal-Komunità tal-Patrijiet Minuri tar-Rabat. Wara dawn mexa s-Salib tal-kleru tal-Katidral ta' Malta, segwit mis-Seminaristi u s-Saċerdoti Djoċesani, kif ukoll mill-Kappillani tal-Parroċċi tas-Sacro Cuor ta' tas-Sliema, tal-Marsa, ta' San Pawl il-Baħar, tal-Furjana, ta' Ħal-Kirkop, ta' Ħal-Luqa, tal-Ħamrun, ta' Ħad-Dingli, tal-Għargħur u ta' San Duminku tal-Belt. Warajhom mexa l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena ta' Birkirkara u fl-aħħar mexa l-Kapitlu tal-Katidral flimkien ma' l-Isqof ta' Malta, Mons. Dom Mauro Caruana O.S.B., li żamm l-Ostensorju bir-relikwa ta' San Ġużepp.

Għal dawn il-festi speċjali kienu attendew eluf kbar ta' nies minn kull parti ta' Malta u Għawdex. Il-festi kienu ġew fit-tmien tagħhom l-għada, l-20 ta' Marzu, meta filgħaxija sar diskors dwar il-Patroċinju ta' San Ġużepp fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù mill-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Fra Angelo Portelli O.P., Isqof titulari ta' Selinonte, Vigarju Ġenerali u Delegat ta' Malta. Wara intona t-Te Deum akkumpanjat bil-mużika u bid-daqq tal-qniepen tal-knejjes tar-Rabat u ta' l-Imdina. Din iċ-ċelebrazzjoni ġiet fit-tmiem tagħha bil-Barka Sagramentali.

F'dak li jirrigwardja ċ-ċelebrazzjonijiet li saru fit-toroq tar-Rabat f'din l-okkażjoni speċjali, imsemmu li fil-jiem ta' l-14, 15 u 16 ta' Marzu filgħaxija, kienu saru diversi marċijiet mill-Banda Filarmonika L'Isle Adam, mat-toroq ta' madwar il-knisja. Dawn it-toroq bħas-soltu kienu mżejna b'armar li b'xorti tajba, ħafna minnu għadna narawh jintrama sal-lum ta' kull sena fil-jiem tal-Festa ta' San Ġużepp. It-toroq filgħaxija f'dawk il-jiem tal-Festa kienu imdawla bil-lampi ta' l-elettriku, ta' l-aċitilena kif ukoll bit-tazzi taż-żejt.

Lejlet il-Festa, fit-18 ta' Marzu, f'nofs in-nhar il-Banda L'Isle Adam kienet għamlet marċ kbir u brijuż mat-toroq prinċipali tar-Rabat. Filwaqt li filgħaxija kienu ħadu sehem diversi Baned li ġew mistiedna biex idoqqu f'din l-okkażjoni speċjali. Din il-lejla ġiet



1958

# TIFKIRIET LI MA JINTESEWX

1963



fit-tmiem tagħha bil-logħob tan-nar ta' l-ajru kif ukoll bil-logħob tan-nar ta' l-art.

Fil-jum tad-19 ta' Marzu, Jum il-Festa, barra s-sehem mużikali li tat bħas-soltu l-Banda L'Isle Adam, kienu diversi Baned oħra mistiedna li ħadu sehem fil-għaxija. Il-Baned mistiedna f'dawn il-Festi speċjali kienu: il-Banda San Ġorġ ta' Bormla, il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun, il-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, il-Banda San Nikola tas-Siġġiewi u l'hekk imsejħa l-Banda ta' Indri tal-Belt.

F'din l-okkażjoni speċjali l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp ħasbet ukoll fil-fqar tar-Rabat, bħalma kienet tagħmel ta' kull sena fil-Festa ta' San Ġużepp, billi qassmet aktar mis-soltu diversi kwantitajiet ta' ħobż u bżonnijiet materjali oħra lil dawn il-foqra li f'dak iż-żmien kienu tant numerużi f'pajjiżna.

## 1956 - Ċelebrata għall-Ewwel Darba f'Malta l-Festa ta' San Ġużepp Ħaddmien

Ċelebrazzjonijiet speċjali oħra kienu saru mil-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp flimkien mal-Kumitat Organizzattiv għall-Festa ta' San Ġużepp Haddiem, biex tiġi ċċelebrata kif jixraq għall-ewwel darba f'Malta l-Festa ta' San Ġużepp Haddiem, nhar l-1 ta' Mejju 1956, meta fid-dinja kien qiegħed jiġi mfakkar f'dak il-jum, bħala Jum il-Ħaddiem. Dan sar kif kien xtaq il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII, biex f'dak il-jum ta' l-1 ta' Mejju, il-Knisja Kattolika Universali tibda tfakkar il-figura t' San Ġużepp bħala Patrun u Protettur tal-Ħaddiema.

Għal din l-okkażjoni fuq stedina tal-Kumitat Organizzattiv tad-Djoċesi, l-istatwa antika u devota ta' San Ġużepp magħruf bħala 'Ix-Xiħ', tniżżlet b'korteo mill-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat lejn il-knisja Arċipretali ta' San Publju tal-Furjana, nhar il-Ħadd 28 ta' April,, 1956. Fi triqtha lejn il-Furjana, l-istatwa għaddiet minn Ħ'Attard, Santa Venera, il-Ħamrun u l-Furjana, fejn ġiet milqugħa minn folol ta' nies li taw merħba kif jixraq lil San Ġużepp.

F'din l-istess knisja Arċipretali nhar it-28, id-29 u it-30 ta' Arpil kienu saru tlett ijiem ta' tħejjija għal din il-Festa fil-preżenza ta' l-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ.

Il-qofol ta' din il-festa ġie milqugħ proprju nhar il-Ħamis 1 ta' Mejju, fuq il-Fosos tal-Furjana. Kif kienu qalu l-ġurnali ta' dak iż-żmien, madwar l-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ kienu nġabru madwar 50,000 ruħ biex jassistu u jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewwel Festa f'ġieħ San Ġużepp Haddiem. F'din iċ-ċelebrazzjoni kineu ħadu sehem l-Għaqdiet Reliġjużi u soċjali kollha tal-pajjiż, kif ukoll ħaddiema ta' kull klassi. Kienu ħadu sehem ħmistax-il Għaqda li rrappreżentaw lill-ħaddiema kollha tal-pajjiż. Ħadu sehem ukoll il-Fratellanzi kollha ta' San Ġużepp li kienu jinsabu mwaqqfa f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

F'din iċ-ċelebrazzjoni kienet saret preżentazzjoni tal-fjuri lil San Ġużepp minn diversi fabbriki, ħwienet, azjendi ndustrijali, kif ukoll miċ-ċentri kollha tax-xogħol, minn dawk governattivi u dawk tas-servizzi, mill-ħaddiema professjonisti u minn dawk ta' l-arti. Fis-7.00p.m. kienet saret Quddiesa mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Fil-ħin ta' l-offertorju ta' din il-Quddiesa, ġew offruti

mir-rappreżentanti ta' kull settur tal-ħaddiema, l-offerti ta' l-għodod.

Din kienet ċelebrazzjoni kbira u memorabbli, fejn ir-Ragħaj Spiritwali flimkien mal-kleru u l-poplu, ħaddiema u mexxejja mingħajr distinzjoni ta' klassi, iżda b'qalb u b'ruħ waħda magħquda għall-ħajja ġdida riformata fuq l-ispirtu tal-Vanġelu, f'talba ħerqana u devota li ġiet preżentata mill-mexxej Spiritwali ta' dan il-poplu Malti lil San Ġużepp.

Fi tmien din iċ-ċelebrazzjoni, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi kien bagħat telegramm lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII fejn fiha Mons. Arċisqof esprima r-ringrazzjament tiegħu lill-Papa, talli għoġbu denjament iwaqqaf liturġikament il-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, fl-1 ta' Mejju. Wegħdu wkoll s-sentimenti ta' l-ubbidjenza tal-poplu Malti lejn il-Fidi Mqaddsa, u talbu biex jagħti l-Barka Tiegħu fuq il-poplu, il-familji u l-ħaddiema Maltin.

**1963 - L-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa ta' San Ġużepp.**

Din hija ġrajja minquxa b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp u ġrajja unika fl-istorja reliġjuża ta' pajjiżna. Meta fl-1 ta' Mejju 1963, f'jum il-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, l-istatwa antika u devota ta' San Ġużepp, reġgħet niżlet għat-tieni darba wara seba' snin fuq il-Fosos tal-Furjana, din id-darba biex tiġi nkurunata solennement b'żewġ kuruni tad-deheb u l-ħaġar prezzjuż - simbolu tad-devozzjoni kbira u r-rabta tal-poplu Malti ma' San Ġużepp u ma' ibnu Ġesù, b'digriet maħruġ personalment mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII fl-1956.

Naturlament dan l-avveniment kbir ġie ċċelebrat kif jixraq mill-imsemmija Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, bi programm speċjali u b'ċelebrazzjonijiet kbar. Fost dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li saru, insibu l-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fil-knisja ta' San Marija ta' Ġesù' nhar is-Sibt 27 ta' April 1963, taħt uil-Presidenza ta' l-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Din kienet il-bidu ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali.

Nhar il-Ħadd, it-Tnejn u t-Tlieta 28, 29, u 30 ta' April 1963, saru tlett ijiem tat-tridu solenni bi preparazzjoni għall-Inkurunazzjoni. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa kif ukoll il-priedka matul dawn it-tlett ijiem tat-tridu saru mill-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali.

L-Erbgħa l-1 ta' Mejju, kien Jum l-Inkurunazzjoni. Fis-7.30a.m. l-istatwa ta' San Ġużepp ġiet meħudha permezz ta' korteo mir-Rabat għall-Belt. Fid-9.00a.m. sar korteo ieħor bl-istess statwa, din id-daba minn Pjazza Kastilja għall-Konkatidral ta' San Ġwann. Wara nofs in-nhar, l-istess statwa ittieħdet mill-Konkatidral permezz ta' korteo ieħor għall-knisja ta' Sarria fil-Furjana. Fit-3.30p.m. ġiet meħudha proċesjonalment b'korteo mill-istess knisja għal fuq il-Fosos fejn kellha ssir il-funzjoni liturġika ta' l-Inkurunazzjoni. Saru diversi preżentazzjonijiet tal-bukketti tal-fjuri lil San Ġużepp kif ukoll diskors fuq San Ġużepp Ħaddiem. Wara ġie ċċelebrat Pontifikal Solenni mill-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, assistit mill-Wisq Rev. Kapitlu

Metropolitan. F'dan il-Pontifikal Mons. Arċisqof għamel omelija u wara ġie ffirmat il-kuntratt li bih saret l-Inkurunazzjoni. Iċ-ċerimonja solenni ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' San Ġużepp saret mill-istess Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, assistit mill-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, l-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali u mill-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Costantino Trapani O.F.M., Isqof ta' Nicosia fi Sqallija.

Fis-7.00p.m. l-istatwa ta' San Ġużepp Inkurunat ġiet meħudha b'korteo minn fuq il-Fosos tal-Furjana għar-Rabat, fejn ġiet meħudha fil-knisja Parrokkjali u Kolleġġjali ta' San Pawl.

L-għada l-Ħamis 2 ta' Mejju 1963, fis-6.00p.m. saret Translazzjoni Solenni bl-istatwa Inkurunata ta' San Ġużepp, mill-istess knisja Kolleġġjata ta' San Pawl għall-knisja ta' San ta Marija ta' Ġesù, bis-sehem tal-Komunitajiet Reliġjużi u l-Għaqdiet Reliġjużi tar-Rabat u ta' l-Imdina. Fil-jum tas-Sibt 11 ta' Mejju, fil-5.00p.m. sar Għasar Pontifikali mill-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, assistit mill-Wisq Rev. Kapitlu Metropolitan.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali ġew fit-tmien tagħhom il-Ħadd 12 ta' Mejju, meta fid-9.00a.m. sar Pontifikal Solenni, immexxi minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi flimkien mal-Wisq Rev. Kapitlu Metropolitan. Fl-4.30p.m. sar Għasar Solenni u wara saret il-purċissjoni solenni bl-istatwa ta' San Ġużepp Inkurunat mat-toroq prinċipali tar-Rabat. F'din il-purċissjoni, flimkien ma' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp u l-Komunità tal-Patrijiet Minuri tar-Rabat, ħadu sehem ukoll il-Fratellanzi ta' San Ġużepp ta' Malta kollha, kif ukoll il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat. Mexxa din il-purċissjoni l-Eċċ. Tiegħu Rev.mu Mons. Isqof Costantino Trapani O.F.M.

F'dak li jirrigwardja l-festi ta' barra li saru f'din l-okkażjoni speċjali, apparti s-sehem attiv li kienet tat il-Banda Dekana u Ċittadina L'Isle Adam tar-Rabat, kienu ħadu sehem ukoll għadd ta' Baned minn diversi bliet u rħula Maltin. Fost dawn insibu s-sehem tal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat stess, li għamlet marċ u programm mużikali nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju.

Ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-Programm Vokali u strumentali li għamlet il-Banda L'Isle Adam fuq il-palk prinċipali ħdejn il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju, fejn, għal dawn il-Festi ta' l-Inkurunazzjoni, il-Banda daqqet għall-ewwel darba Innu ġdid bl-isem **San Ġużepp**, versi ta' Dr. George Zammit LL.D., Mużika ta' Mro. Anton Muscat Azzopardi A.Mus, L.C.M., li kien Surmast Direttur ta' l-istess banda. Kienu ħadu sehem mal-Banda, il-Kor tal-Ħamrun u s-Sopran Hilda Mallia Tabone. Il-Banda u l-Innu kienu taħt id-direzzjoni ta' l-istess Surmast Direttur Anton Muscat Azzopardi.